5 ta' Novembru, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Spiteri *versus* Giovanni Spiteri

**Danni — Delitt u Kważi-Delitt — Kompetenza — Art. 641 (a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*L-azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkarikati mill-kummerċjant, u subalterni tagħhom, għall-operazzjonijiet magħmula fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom huma, b'liġi espressa, ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

*Il-liġi titkellem fuq azzjonijiet in ġenerali, u għalhekk tikkomprendi anki l-azzjonijiet tal-kummerċjant kontra l-aġenti u inkarikati tiegħu, jew subalterni tagħhom, minħabba fatti li jirriferixxu għall-kummerċ tiegħu; u l-lum jista' liberament jingħad li anki d-delitt u l-kważi delitt jistgħu jkunu oġġett ta' kontroversja kummerċjali, meta jikkonnettu ruħhom direttament għal fatti tal-kummerċ. Id-dolo u n-negliġenza ma għandhomx proprjament indoli ċivili jew kummerċjali, imma huma vizji li minnhom att jew fatt ġuridiku jista' jiġi akkompanjat, u għandhom indoli ċivili jew kummerċjali skond l-indoli ta' l-att jew fatt li miegħu jaderixxu.*

*Għaldaqstant, il-konjizzjoni ta' kull azzjoni tal-prinċipal kontra l-kommess tan-negozju, oriġinanti minn obligazzjoni ta' l-istess kommess, u derivanti minn fatt anki delittwuż jew kważi, basta però li jkun konness mal-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal, hija deferita lill-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut, bħala impjegat fil-forn tiegħu fil-Ħamrun, St. John Street, numru 18, approprja ruħu f'diversi drabi, bil-moħbi, bi kwantità ta' ħobż, dqieq u ġeneri oħra simili, tal-valur ta' £230 ċirka komplessivament, talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-imsemmija somma ta' £230, jew oħra verjuri, import ta' ħobż, dqieq u ġeneri oħra simili minnu approprjati bil-mod fuq riferit; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Lulju 1953, u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra lilu kompetenti skond il-liġi;

*Omissis;*

Tikkunsidra, fuq l-eċċezzjoni deklinatorja tal-Qorti;

Illi l-attur qiegħed jeżerċita kontra l-konvenut l-azzjoni għar-riżarċiment ta' danni li huwa jippretendi li sofra minħabba fil-pretiż fatt delittwuż tal-konvenut, impjegat tiegħu fin-negozju fuq riferit, konsistenti dak l-att fl-appropriazzjoni tal-ħwejjeg fuq indikati li bihom l-attur jeżerċita l-imsemmi kummerċ tiegħu;

Illi b'ligi espressa huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti l-azzjonijiet kontra agenti jew persuni oħra inkarikati mill-kummerċjant, u subalterni tagħhom, għall-operazzjonijiet magħmula fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom (art. 641 (a) Kodiċi tal-Kummerċ);

Illi l-liġi titkellem fuq azzjonijiet in ġenerali, u għalhekk tikkomprendi l-azzjonijiet kollha li jistgħu jiġu promossi, minħabba fil-kummerċ, kontra l-aġenti, persuni oħra inkarikati u subalterni, u per konsegwenza mhux biss l-azzjonijiet promossi minn terzi persuni, imma, u qabel kollox, l-azzjonijiet ta' l-istess kummerċjant kontra dawk il-persuni minħabba fatti li jirriferixxu għall-kummerċ tiegħu; hema azzjonijiet, kwindi, għandhom jiġu ritenuti kummerċjali;

Illi l-konvenut iddeklina l-kompetenza ta' dina l-Qorti għar-raġuni, mid-difensur tiegħu spjegata waqt id-dibattitu, illi l-pretiż fatt tiegħu huwa delitt, u kwindi l-azzjoni ta' l-attur naxxenti minn dak il-fatt hija ta' natura ċivili, u tibqa' ta' dik in-natura anki jekk l-istess fatt ġie minnu magħmul bħala kommess ta' l-attur u in konnessjoni man-negozju ta' l-istess attur, billi d-delitt ma jistax ikun oġġett ta' kontroversja kummerċjali, l-għaliex l-indoli tad-dolo hija essenzjalment ċivili;

Tikkunsidra;

Illi għadu oġġett ta' kontroversja fid-dottrina u fil-ġurisprudenza jekk id-delitt u l-kważi-delitt jistgħux ikunu fonti ta' obligazzjonijiet kummerċjali meta jikkonnettu ruħhom direttament ma' fatti tal-kummerċ; iżda dina l-kontroversja qiegħda tonqos ħafna, u l-lum jista' liberament jingħad illi hija aċċettata d-dottrina, segwita wkoll mill-ġurisprudenza, illi mhux biss il-kuntratt, imma anki kważi-kuntratt, delitt u

kważi-delitt, jistgħu jkunu oġġett ta' kontroversja kummerċjali meta jikkonnettu ruħhom direttament għall-fatti tal-kummerċ. Id-dolo u n-negliġenza ma għandhomx proprjament indoli ċivili jew kummerċjali, imma huma vizji li minnhom att jew fatt ġuridiku jista' jiġi akkompanjat, u għandhom indoli ċivili jew kummerċjali skond l-indoli ta' l-att jew fatt li magħhom jaderixxu;

Mingħajr ebda dubju l-leġislatur juniforma ruħu in massima għal dan il-konċett, u, uniformat għal dan il-konċett, li huwa l-konċett ġust, billi mhix possibili l-indaġini fuq id-dolo jew fuq il-kolpa mingħajr ma jinżamm kont tal-kondizzjonijiet tekniċi tal-kummerċ, il-leġislatur, wara li ddetta r-regola ġenerali li huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar attijiet ta' kummerċ bejn kull xorta ta' persuni, iddikjara soġġetti għat-tribunal kummerċjali l-azzjonijiet kontra l-aġenti, l-inkarikati u s-subalterni, li jidderivaw mill-fatzjoni ta' kull azzjoni tal-prinċipal kontra l-kommess tan-negozju, oriġinanti minn obligazzjoni ta' l-istess kommess derivanti minn fatt anki delittwuż jew kważi, basta però li jkun konness mal-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal, hija deferita għall-Qorti tal-Kummerċ. Ta' dan il-parir huma Mortara u Supino (Codice di Commercio Commentato, Vol. X, p. 81; Diritto Commerciale, p. 552);

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.